MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 553/2008/1

**Panta Marketing and Services Limited**

**v.**

**AX Construction Ltd**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mis-socjeta` attrici fit-30 ta' Mejju 2008 li jaqra hekk:

"1. Illi s-soċjeta` rikorrenti ġiet inkarigata mis-soċjeta` intimata sabiex tissuplixxi u tinstalla sistema ta' *"airconditioning piping"* ġewwa l-proprjeta` appartenenti

lis-soċjeta` intimata Verdala Mansions, Inguanez Street, Rabat in virtu` ta’ kuntratt iffirmat fis-26 ta’ Settembru 2002, għas-somma ta’ €87,058.96 [ekwivalenti għal Lm37,374.41] (Taxxa tal-Valur miżjud mhux inkluż), hawn taħt anness u mmarkat bħala Dok. PM1;

“2. Illi s-soċjeta` rikorrenti ġiet ukoll inkarigata mill-istess soċjeta` intimata sabiex tissuplixxi u tinstalla sistema ta’ *vertical transportation* konsistenti f’erba’ *lifts* ġewwa l-istess proprjeta`, ossia Verdala Mansions, Inguanez Street, Rabat in virtu` tal-kuntratt iffirmat fil-15 ta’ Lulju 2002 għas-somma ta’ €186,349.87 [ekwivalenti għal Lm80,000] (Taxxa tal-Valur Miżjud mhux inkluż), hawn taħt anness u mmarkat bħala Dok. PM2;

“3. Illi x-xogħlijiet rikjesti mis-soċjeta` rikorrenti ġew kkompletati fiż-żmien pattwit bejn il-partijiet u *in oltre* saru skond is-sengħa u l-arti, u dana kif jirriżulta miċ-ċertifikati maħruġin f’diversi dati, mis-soċjeta` tal-inġinerija nkarigata mill-proġett da parti taż-żewġ partijiet, u cjoe` Mediterranean Technical Services Limited [hawn taħt annessi u mmarkati bħala Dok. PM3 sa Dok. PM6 rispettivament], iżda *ciononostante* s-soċjeta` rikorrenti għandha fil-preżent ma ġietx imħallsa l-ammonti dovuti lilha mis-soċjeta` intimata;

“4. Illi fir-rigward tal-ewwel kuntratt, *ossia* dak tal-*airconditioning piping*, is-soċjeta` rikorrenti tirrileva illi għad fadal somma bilanċjali x’titħallas lilha mill-intimata u dana fl-ammont ta’ għaxart elef u ħdax-il Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€10,011.65) [ekwivalenti għal Lm4,298], filwaqt li fir-rigward tal-kuntratt ta’ xogħlijiet ta’ *vertical transportation*, il-bilanċ illi għadu dovut huwa fl-ammont ta’ wieħed u għoxrin elf, disa’ mija u disgħa u tmenin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€21,989.28) [ekwivalenti għal Lm9,440];

“5. Illi għalhekk l-intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta’ tnejn u tletin elf Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€32,000.93) [ekwivalenti għal Lm13,738;

“6. Illi għalkemm is-soċjeta` intimata ġiet debitament interpellata diversi drabi sabiex tersaq għall-ħlas minnha dovut ta’ tnejn u tletin elf Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€32,000.93) lis-soċjeta` rikorrenti a bażi u b’konsegwenza tal-kuntratti hawn fuq indikati, dina baqgħet inadempjenti;

“Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

“1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi s-soċjeta` intimata hija debitriċi tas-soċjeta` rikorrenti fis-somma ta’ tnejn u tletin elf Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€32,000.93) rappreżentanti bilanċ dovut fuq xogħlijiet ta’ *airconditioning piping* u *vertical transportation* magħmula fuq inkarigu tas-soċjeta` intimata fil-proprjeta` appartenenti lilha u ċjoe` Verdala Mansions, Inguanez Street, Rabat;

“2. Tordna lis-soċjeta` intimata sabiex tħallas lis-soċjeta` rikorrenti s-somma ta’ tnejn u tletin elf Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€32,000.93).

“Bl-ispejjeż u l-imgħax legali u s-soċjeta` intimata nġunta għas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata li ressqet is-socjeta` konvenuta li in forza tagha eccepiet illi:

“1. Illi fl-ewwel lok *in via preliminari* l-kwistjonijiet mertu tar-rikors ġuramentat promotur huma wkoll mertu ta’ ftehim bejn il-partijiet biex l-istess kwistjonijiet jiġu trattati u deċiżi definittivament, permezz tal-proċedura tal-arbitraġġ, u dan skond żewġ kuntratti datati dsatax ta’ Ottubru 2007 kopji annessi u kumplessivament immarkati bħala ‘Dok. A’, u kif se jirriżulta mill-provi prodotti;

“2. Illi l-istess proċeduri ta’ arbitraġġ fuq imsemmija jipprovdu wkoll għal kontro-talbiet rikonvenzjonali tal-esponenti u liema proċeduri s’issa ma bdewx wkoll minħabba raġunijiet imputabbli esklussivament għar-rikorrenti, u dan *nonostante* diversi

interpellazzjonijiet, anke permezz ta’ ittra uffiċjali datata 18 ta’ Jannar 2008 (Dok. B), illi għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha minnufih twaqqaf il-proċeduri odjerni taħt dawk l-ordnijiet u direttivi li jirriżultawla bħala xierqa;

“3. Illi fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkoll *in via preliminari*, parti mill-mertu tar-rikors promotur huwa wkoll mertu ta’ proċeduri quddiem it-Tribunal għat-Talbiet Zgħar fl-ismijiet “Panta Marketing & Services Ltd. vs AX Holdings Ltd” (Rik 5/07 ISB), liema proċeduri ġew iddikjarati deżerti fit-tlettax (13) ta’ Mejju 2008 u għaldaqstant jirriżultaw li huma *res judicata*.

“4. Illi fuq il-mertu u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari fuq imsemmija, mhux kontestat illi s-soċjeta’ esponenti nkarigat lis-soċjeta’ rikorrenti biex tissuplixxi u tinstalla sistema ta’ *“airconditioning piping”* u sabiex tinstalla sistema ta’ *vertical transportation* konsistenti f’erba’ *lifts* il-Verdala Mansions, pero’ huwa kontestat bl-aktar mod qawwi illi x-xogħol sar skond is-sengħa u l-arti u li sar fiż-żmien pattwit;

“5. Illi wkoll fuq il-mertu, t-talbiet tas-soċjeta’ attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress illi ebda ammont ma hu dovut lir-rikorrenti;

“Salv eċċezzjonijiet oħra u b’riserva għal kull azzjoni spettanti lill-esponent bil-liġi.”
Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Gunju 2010, li in forza taghha ddecidiet l-ewwel eccezzjoni preliminari mressqa mis-socjeta` konvenuta billi cahdet l-istess u ordnat li l-kawza tkompli tinstema’; spejjez riservati ghall-gudizzju finali;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi l-Qorti trid tiddeċiedi għandhiex ġurisdizzjoni minħabba li in segwitu għall-kuntratt t’appalt in kwistjoni l-partijiet kienu waslu għal *arbitration agreement* li huwa esebit a fol 91 *et sequitur* tal-proċess. Dan huwa deskritt bħala:

*““A post dispute arbitration agreement which may be attached by the Chairman to the Notice of Arbitration to be filed at the Malta Arbitration Centre for the commencement of anarbitraion (Art. 17 (2)) or upon the filing of the statement of the claim (art. 29 (1).”*

“Il-ġurisprudenza tagħna ma tantx hija konkordi fuq il-materja. Fis-snin l-iktar imgħoddija t-tendenza prinċipali kienet li l-Qorti tiddeklina l-ġurisdizzjoni a bażi tal-prinċipju stabbilit fil-Kodiċi Ċivili tagħna li dak li jiftehmu l-partijiet bejniethom għandha saħħa ta’ liġi. Per eżempju fil-kawża **“Laferla vs Mizzi”** deċiża mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta’ Frar 1964 il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut (dipartiment tal-Gvern) minħabba li l-kuntratt in kwistjoni kien jipprovdi li f’każ ta’ nuqqas ta’ qbil il-konvenut kellu dritt jirreferi l-każ lill-Bord magħmul apposta. L-istess għamlet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **“Casha vs Mizzi”** deċiża fil-5 ta’ Ġunju 1985. F’din l-okkażjoni l-Qorti tal-Appell irrevokat sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ.

“Riċentement pero’ t-tendenza ma baqgħetx l-istess u l-Qrati bdew jinvestigaw il-mertu tal-każ. Per eżempju fil-kawża **“Ellul vs Bowman”** (28 ta’ April 1993) il-Qorti tal-Kummerċ assumiet il-ġurisdizzjoni għaliex il-klawsola arbitrarja kienet tirreferi l-każ għal arbitraġġ f’Londra, meta fil-fehma tal-Qorti il-liġi Maltija kienet dik li fid-dritt internazzjonali privat tissejjaħ il-*proper law* tal-kuntratt.

“Każ aktar reċenti kien dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta’ Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet **“Ignatius Gatt vs Franco Facchetti”**. Il-Qorti f’dan il-każ ikkonkludiet li billi l-konvenuti ma rrispondewx għall-ittra ġudizzjarja tal-attur qabel ġiet istitwita l-kawża, irrinunzjaw għad-dritt li jirreferu l-każ għall-arbitraġġ u kwindi l-attur kien ġustifikat li jiftaħ il-kawża għaliex jispetta għaż-żewġ partijiet li jmorru arbitraġġ għaliex hu ovvju li ħadd ma jista’ jirreferi għall-arbitraġġ waħdu. Sentenza konkordi kienet dik tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **“John Agius vs Micallef Insurance Agency”** (19 ta’ Ġunju 2002). Kif argumentat is-sentenza **“Gatt vs Facchetti”** fuq

imsemmija, billi arbitraġġ ma jistax wieħed imur waħdu, dan il-fatt wassal lill-Qorti biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni. Lanqas hu ġust li wieħed joqgħod jistenna li jiġi mħarrek biex imbagħad jiftakar li seta' invoka arbitraġġ meta l-attur għamel it-talba tiegħu lill-konvenuti.

"Huwa ċar pero' li fil-kawża odjerna s-sitwazzjoni hija kemmxejn differenti għaliex il-ftehim ġie ffirmat wara illi inqalgħet il-kwistjoni. Infatti il-kwistjoni bejn il-partijiet inqalgħet għaliex meta s-soċjeta' rikorrenti talbet il-ħlas dovut skond il-kuntratt, is-soċjeta intimata talbet li tiġi mħallsa penali għal dewmien u danni. Għalhekk fil-bidu tas-sena 2007 is-soċjeta' rikorrenti fetħet żewġ kawżi, ċjoe' għal żewġ talbiet, waħda quddiem it-Tribunal għat-Talbiet Żgħar u oħra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Ftit wara l-partijiet resqu lejn xulxin u ffirmaw żewġ kuntratti fejn irrimettew ruħhom għall-arbitraġġ u ġie maħtur Dr Joseph Caruana Scicluna bħala arbitru. Madankollu l-kuntratti ma ġewx preżentati quddiem iċ-Ċentru għall-Arbitraġġ (fuq dan il-partijiet iwaħħlu f'xulxin). Fit-18 ta' Jannar 2008 is-soċjeta' intimata ppreżentat ittra uffiċjali kontra s-soċjeta' rikorrenti biex dan isir iżda fl-ittra uffiċjali responsiva s-soċjeta' rikorrenti qalet illi dak il-ftehim kien skada u talbet li jsiru emendi biex il-ftehim arbitrali jiġi preżentat. Huwa importanti għalhekk illi tiġi eżaminata l-liġi applikabbli għall-arbitraġġi.

"Li ġara kien effettivament li s-soċjeta' rikorrenti għal xi raġuni naqset li tiddepożita l-ftehim skond l-artikolu 17 tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar l-Arbitraġġ). Mhux tant important r-raġuni għaliex; l-artikolu in kwistjoni ma jimponix terminu ***ut sic*** iżda skond il-ftehim bejn il-partijiet fi żmien xahar; *Panta shall file a notice of arbitration together with a statement of claim within one month from the execution of this agreement and shall communicate a copy of the same to AXC and to the arbitrator.* (artikolu 4 tal-ftehim). Dan ifisser li s-soċjeta' rikorrenti kienet dakinhar korretta meta qalet li l-ftehim kien skada u allura kien hemm bżonn l-estensjoni tat-terminu.

"Barra minn dan l-artikolu 15 (3) tal-Kap 387 jindika ċar illi parti li tkun trid tinvoka quddiem Qorti li jeżisti ftehim ta'

arbitraġġ fuq il-kwistjoni quddiem il-Qorti għandha l-ewwel tippreżenta rikors biex titlob li l-Qorti tieqaf milli tisma' l-kawża; u dan għandu jsir **qabel** tiġi prezentata r-risposta għall-azzjoni proposta mill-parti l-oħra. Infatti l-istess liġi tgħid li meta jiġi preżentat rikors simili t-terminu għall-preżentata ta' risposta jiġi sospiż (artikolu 15 (8)). Għalhekk is-soċjeta' intimata ma setgħetx f'dan il-każ, tilqa' l-eċċezzjoni in kwistjoni wara li tkun ġja' ssottomettiet għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti permezz tal-istess risposta ġuramentata."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"……thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 2010 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` esponenti u tiddikjara illi l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili m'ghandhiex gurisdizzjoni li tiddeciedi l-vertenzi mertu tal-istess procedura, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata."

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, stqarret li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma, u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, f'dan l-istadju, hija marbuta mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li tkompli tisma' l-kawza hi nonostante zewg ftehim ta' arbitragg li iffirmaw il-partijiet. Iz-zewg ftehim kienu gew iffurmati wara zewg kawzi li s-socjeta` attrici fethet kontra s-socjeta` konvenuta fejn resqet pretensjonijiet marbuta ma' kuntratt ta' appalt ghall-istallazzjoni ta' *airconditioning piping* gewwa Verdala Mansions, ir-Rabat, proprjeta` tas-

socjeta` konvenuta. Peress li kien hemm diversi allegazzjonijiet reciproci, is-socjeta` attrici accettat li tirrinunzja ghal kawzi li ressqet quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u l-Qorti tal-Magistrati, gurisdizzjoni civili, u wara qbil mas-socjeta` konvenuta, accettat li l-pretensjonijiet kollha reciproci jigu trattati u diskussi fil-kuntest ta' arbitragg; kien hemm qbil ukoll fuq il-hatra tal-arbitru.

Skont il-ftehim, is-socjeta` attrici *"shall file a notice of arbitration together with a statement of claim within one month from the execution of this agreement and shall communicate a copy of the same to AXC* (is-socjeta` konvenuta) *and to the arbitrator."*

Is-socjeta` attrici ma tatx dan l-avviz fit-terminu preskritt, u dan iwassal, skont is-socjeta` attrici, ghall-konsegwenza li l-ftehim tal-arbitragg kien skada. L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, qablet ma' din is-sottomissjoni. L-ewwel Qorti qalet ukoll li fit-terminu tal-Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta), it-talba biex il-kaz jitressaq ghal quddiem l-Arbitru kellha issir qabel ma tigi pprezentata r-risposta ghall-azzjoni proposta mill-parti l-ohra; la darba, fil-fehma taghha, ma sarx hekk, ghandu jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ssottomettiet ghall-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji.

Is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenza u kkontestat iz-zewg argumenti li fuqhom l-ewwel Qorti bbazat is-sentenza taghha. Hi osservat li l-kwistjoni tal-validita` o meno tal-ftehim, u jekk l-istess ghadux jorbot lill-partijiet, tidhol fost il-funzjonijiet tal-arbitru *ai termini* tal-imsemmi Kap. 387. Din il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni ghax fil-fatt l-Artikolu 15(2) tal-Att jistipula illi l-arbitru ghandu jiddeciedi mhux biss t-tilwima specifika, izda wkoll kull kontroversja jew pretensjoni li titnissel mill-ftehim, jew il-ksur jew it-temm jew l-invalidita` tal-ftehim. Hekk ukoll, u b'mod aktar precis, l-Artikolu 32(1) tal-istess Att jipprovdi li l-arbitru jew it-Tribunal ta' Arbitragg skont il-kaz, ikollu s-setgha li jiddeciedi dwar kull oggezzjoni *"dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tieghu, inkluza kull oggezzjoni dwar l-ezistenza jew il-validita` tal-klawsola ta' arbitragg jew tal-*

*ftehim ta' arbitragg separat."* L-Artikolu 32(2) ukoll jghid li huwa l-arbitru li ghandu s-setgha li jiddeciedi dwar l-ezistenza jew validita` tal-kuntratt li klawsola ta' arbitragg tkun tinsab fih. Kwindi, la darba jkun jirrizulta lill-Qorti li, almenu prima facie, jezisti ftehim ta' arbitragg, il-materja tal-validita` tieghu jew jekk ghadux fis-sehh, ghandha tithalla ghall-konsiderazzjoni tal-istess arbitru, *multo magis* meta l-Artikolu 69 tal-istess Att jipprovdi li f'dawk li huma affarijiet regolati bl-Att, *"ebda Qorti ma ghandha tintervjeni jew ikollha gurisdizzjoni f'xi haga bhal dik."*

Din ukoll tidher li hi s-sitwazzjoni taht l-Arbitration Act Ingliza li fl-Artikolu 30 jghid li hu l-arbitru li ghandu jiddeciedi *"whether there is a valid arbitration agreement"*, artikolu simili ghall-Artikolu 32 tal-ligi taghna. Fil-ktieb "Arbitration Law" ta' Keren Tweeddale et (Ediz 1999 pagna 75) jinghad hekk fir-rigward:

*"The doctrine of Kompetenz-Kompetenz derives from German law, in which the term is used to express the concept of the jurisdiction to rule upon jurisdictional matters. The DAC at para. 138 of its February 1996 report stated that the advantage of giving the arbitral tribunal the power to rule upon its own jurisdiction would be that a recalcitrant party could not delay 'valid arbitration proceedings indefinitley by making spurious challenges to its jurisdiction'. Whether the arbitral tribunal has the substantive jurisdiction to conduct the arbitration depends inter alia on the existence of a valid arbitration agreement: s.30(1)(a) of the AA 1996. If a party alleges that the underlying contract is void, the question of whether the arbitration clause within it has been impeached in now a matter for the arbitral tribunal to decide. Section 30 of the AA 1996 provides for the arbitral tribunal to rule upon its own jurisdiction."*

F'dan il-kaz, hemm qbil li meta nqalghu divergenzi bejn il-partijiet, l-istess ftehmu li jirreferu kollox ghall-arbitragg. Mhux qed jinghad li dak il-ftehim hu inezistenti ghal xi raguni kontemplata fil-ligi, u lanqas ma ittiehdu proceduri biex l-istess jigi rexiss, izda qed jinghad biss li skada. Din is-sottomissjoni tressqet mill-istess socjeta` attrici u skont

hi, dan sehh minhabba nuqqas taghha stess! Peress li hi naqset milli taghti avviz tal-arbitragg kif kienet obbligata li taghmel bil-ftehim, qed tghid li l-istess ftehim “kien skada”. Hu ovvju li din hi materja li tidhol biex tkun ikkunsidrata mill-arbitru, li ghandu jikkonsidra jekk persuna tistax tiehu vantagg mill-fatt taghha stess li tonqos milli twettaq obbligu impost fuqha. Dan mhux kaz ta’ konvenju fejn, jekk il-partijiet ma jridux l-istess jiskadi, kull parti ghandha il-fakolta` li tressaq ittra ufficjali qabel l-iskadenza tal-istess konvenju, u b'hekk izomm fis-sehh l-istess konvenju li jkun jista’ ghalhekk, jigi enforzat kif trid il-ligi. Hawn is-socjeta` attrici dahlet f’obbligu li taghti bidu ghall-process arbitrali (*“shall file a notice of arbitration”*), u jekk tonqos, ma jfissirx necessarjament li l-ftehim skada, izda, *se mai*, li l-process jista’ jinbeda mill-parti l-ohra. Sta ghall-arbitru, imbaghad, li jiddeciedi l-effetti ta’ dan in-nuqqas fuq il-ftehim shih ta’ arbitragg. Ovvjament, jekk l-arbitru jiddeciedi li l-ftehim ta’ arbitragg m’ghadux fis-sehh xejn ma jzomm lil min hu interessat li jfittex id-drittijiet tieghu quddiem dawn il-qrati.

Ghar-rigward l-operat tal-Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitragg, il-punt gie diskuss mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Cannon Services Ltd v. Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar**, deciza fit-12 ta’ Dicembru 2002. Din il-Qorti sejra tipproduci l-parti rilevanti tal-konsiderazzjonijiet relattivi ta’ dik il-Qorti, peress li taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha dik il-Qorti. Intqal a propozitu:

“Fl-ahharnett, is-socjeta’ attrici tissotometti li, skond l-Artikolu 15(3) tal-ligi dwar Arbitragg, ir-riferenza ghall-arbitragg trid issir “qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti”, mentri f’dan il-kaz, ir-riferenza giet mitluba fit-tieni eccezzjoni. Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, u tahseb li m’ghandhiex tinghata interpretazzjoni rigida lil dan is-subartikolu. L-iskop tal-ligi hu intiz biex ma jinheliex zmien, u jekk il-kaz se jigi trattat f’Arbitragg, jekk jista’ jkun, ir-riferenza issir mill-ewwel u mhux wara smigh tal-provi jew trattazzjoni fuq xi materja tal-kaz. Dak li hu importanti, allura, mhux li, qabel ma jressaq l-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut, b’talba ad hoc, jitlob riferenza ghall-Arbitragg, izda li din ir-

riferenza tigi mitluba l-ewwel haga. Kif inhi l-ligi hu permess li konvenut, qabel ma jressaq l-eccezzjonijiet tieghu, jitlob, b'rikors ad hoc, ir-riferenza ghall-arbitragg, izda din it-talba mhux mehtieg li jsir hekk bil-fors, u tista' ssir b'talba imressqa fil-bidu ta' l-eccezzjonijiet."

L-importanti hu li l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni tigi moghtija f'dak l-istadju li jikkomprendi z-zmien li jipprecedi t-trattazzjoni tal-kawza fil-meritu taghha, li huwa dak li jissejjah l-istadju preliminari tal-kawza. Ic-cirkostanza li parti nghatat il-fakolta` li tressaq il-kwistjoni b'rikors *ad hoc*, u b'hekk tevita spejjez ingenti marbuta mal-kontestazzjoni tal-kawza, ma jfissirx li tilfet id-dritt li tecepixxi l-istess kwistjoni *in limine litis*. Ir-rinunzja trid tkun cara, certa u inekwivoka, u bl-ebda mod ma l-agir tas-socjeta` konvenuta jista' jitqies rinunzja ghall-klawsola ta' arbitragg. Il-Qrati Civili huma tenuti li jirrispettaw il-volonta` tal-partijiet u jassiguraw li l-vertenza bejniethom tigi epurata, deciza u sodisfatta tramite l-process arbitrali li huma kienu liberament ikkonvenew bejniethom – ara **Cordina Insurance Agency Ltd noe v. John Abela Ltd**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-3 ta' Ottubru 2008.

Darba li din il-Qorti tqis il-ftehim ta' arbitragg bhala validu, sta ghall-arbitru jiddeciedi jekk ghadux fis-sehh. Ir-rizultat, pero`, mhux li l-Qorti tiddikjara ruhha inkompetenti imma li skont l-Artikolu 742(3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) twaqqaf il-procedimenti u tissoprasjedi sakemm jigi determinat l-arbitragg. Min hu interessat mill-partijiet ghandu, ghalhekk, iressaq it-talba tieghu lic-Centru tal-Arbitragg skont il-provedimenti tal-Att II tal-1996, biex dan jigi trattat u determinat skont il-provedimenti ta' dik il-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell imressaq mis-socjeta` konvenuta billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u wara li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti, tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex din tidderigi lil kull min hu interessat iressaq il-kaz ghall-konsiderezzjoni tal-Arbitru mahtur u skont il-provediment tal-Att numru II tal-

1996 dwar l-Arbitragg u sabiex din tibqa' tezercita l-kompetenza taghha fil-limiti tal-Artikolu 742 tal-imsemmi Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez kollha tal-kawza sa issa ghandhom jithallsu mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------